II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1157/2010

tad-9 ta' Diċembru 2010

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2012 ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar il-kundizzjonijiet tad-djar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien (EU-SILC) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien, li jinkorpora dejta rappreżentattiva u lonġitudinali, komparabbli u fil-ħin dwar l-introjtu u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea.

(2) Skont l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, huma meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-lista tas-setturi u tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li għandha tkun inkluża kull sena fil-komponent rappreżentattiv tal-EU-SILC. Il-lista ta' varjabbli sekondarji fil-mira li għandha tiġi inkorporata fil-modulu dwar il-kundizzjonijiet tad-djar għandha tkun stipulata għas-sena 2012. Din għandha tinkludi wkoll il-kodiċijiet u d-definizzjonijiet tal-varjabbli.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira, il-kodiċijiet varjabbli u d-definizzjonijiet għall-modulu tal-2012 dwar il-kundizzjonijiet tad-djar li għandhom jiġu inklużi fil-komponent traversali tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.

ANNESS

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-unità, il-metodu ta' ġbir tad-dejta, il-perjodu ta' referenza u d-definizzjonijiet li ġejjin:

1. **Unità**

Il-varjabbli fil-mira jirrelataw ma' żewġ tipi ta' unitajiet:

Dar: il-varjabbli kollha ħlief dawk relatati mal-"bidla tal-abitazzjoni".

Individwali: il-varjabbli relatati mal-"bidla tad-dar".

2. **Metodu ta' ġbir ta' dejta**

Għal fatturi varjabbli mitluba fil-livell tal-familja (it-Taqsima 1 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir tad-dejta hu intervista personali mal-membru fid-dar li jwieġeb.

Għal fatturi varjabbli mitluba f'livell individwali (it-Taqsima 2 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir ta' dejta hu intervista personali mal-membri attwali li jgħixu fid-dar li għandhom 16-il sena u aktar jew, jekk applikabbli, mal-familja magħżula biex twieġeb.

Minħabba l-karatteristiċi tal-informazzjoni li għandha tinġabar, huma permessi intervisti personali biss (intervisti bil-prokura jkunu eċċezzjoni għall-persuni temporanjament 'il bogħod jew b'inkapaċità) jew informazzjoni estratta minn reġistri.

3. **Il-perjodu ta' referenza**

Il-fatturi varjabbli fil-mira għandhom x'jaqsmu ma' erba' tipi ta' perjodi ta' referenza:

Tas-soltu: xitwa/sajf ordinarja/ordinarju, fiż-żona fejn tkun ir-residenza (għall-varjabbli "abitazzjoni komda u sħuna tul iż-żmien tax-xitwa" u "abitazzjoni komda u friska tul is-sajf").

L-aħħar ħames snin (għall-varjabbli relatati mal-"bidla ta' abitazzjoni"). Dan jirreferi għal ħames snin qabel id-data tal-intervista.

Is-sitt xhur li jmiss (għall-varjabbli relatati ma' "riskju fit-tibdil tal-abitazzjoni"). Dan jirreferi għal sitt xhur qabel id-data tal-intervista.

Attwali (għall-varjabbli l-oħra kollha).

4. **Definizzjonijiet**

(1) *Installazzjonijiet u faċilitajiet tal-abitazzjoni*

(a) Installazzjonijiet tal-elettriku: wajers, kuntatti, sokits u installazzjonijiet oħra elettriċi permanenti fl-abitazzjoni.

(b) Installazzjonijiet/xogħol tal-pajpijiet tal-ilma: pajpijiet, viti, drenaġġ u skariki.

(c) Sistema tat-tisħin jew ħwejjeġ simili: unità ta' akkomodazzjoni hija kkunsidrata bħala "ċentralment imsaħħna" jekk it-tisħin ikun ipprovdut jew minn ċentru ta' tisħin komunitarju jew minn installazzjoni mqiegħda fil-bini jew fl-unità tal-akkomodazzjoni, stabbilita għal skopijiet ta' tisħin, mingħajr ma jitqies is-sors tal-enerġija. Radjaturi elettriċi fissi, ħiters fissi tal-gass u ħwejjeġ simili huma inklużi. It-tisħin għandu jkun disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-kmamar.

(d) Sistemi oħra tat-tisħin li jkunu fissi: unità ta' abitazzjoni titqies imsaħħna b'"sistemi oħra tat-tisħin li jkunu fissi" meta t-tisħin mhux meqjus bħala "tisħin ċentrali bħala/jew simili". Dan jinkludi fran, ħiters, fuklari taċ-ċumnija u ħwejjeġ simili (inkluż apparat fiss tal-arja kkundizzjonata użata bħala faċilità ta' tisħin).

(e) Sistemi oħra tat-tisħin li ma jkunux fissi: l-ebda sistema ta' tisħin jew apparat li jsaħħan li jkunu fissi. L-abitazzjoni tista' madankollu tkun mgħammra b'tisħin portabbli, inkluż tagħmir ta' arja kkundizzjonata li tista' tinġarr u użata bħala faċilità ta' tisħin.

(f) Adegwata: biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti ġenerali/ħtiġijiet tad-dar. Installazzjoni li tkun dejjem ma taħdimx mhix meqjusa bħala installazzjoni. Installazzjonijiet mhux adegwati jistgħu jkunu: installazzjonijiet f'kundizzjoni ħażina, installazzjonijiet perikoluż, installazzjonijiet li regolarment ma jaħdmux, fejn ma hemmx biżżejjed enerġija elettrika/pressjoni tal-ilma biex jintużaw, fejn l-ilma mhux tajjeb għax-xorb, jew fejn ikun hemm disponibilità limitata. Problemi temporanji minuri bħal sadd fil-parti tal-ħruġ ma jfissrux li l-installazzjoni hija inadegwata.

(2) *Aċċessibbiltà tal-ħtiġijiet bażiċi*

(a) Aċċessibbiltà: din għandha x'taqsam mas-servizzi użati min-nies tad-dar li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet finanzjarji, fiżiċi, tekniċi u tas-saħħa.

(b) L-aċċessibilità tas-servizzi għandha tkun ivvalutata f'termini ta' aċċess fiżiku u tekniku, u s-sigħat tal-ftuħ, iżda mhux f'termini ta' kwalità, prezz u aspetti simili. Konsegwentement, l-aċċess għandu jirriferi għal realtà oġġettiva u fiżika. Ma għandux ikun ibbażat fuq sentiment suġġettiv.

(c) L-aċċess għandu jiġi determinat b'rabta mas-servizzi użati effettivament mill-familja. Jekk il-familja ma tużax is-servizz, għandha tintuża flag-2 "Mhux applikabbli".

(d) L-aċċess fiżiku għandu jiġi vvalutat f'termini ta' distanza iżda wkoll ta' infrastruttura u tagħmir pereżempju għal dawk li jwieġbu u jkollhom diżabbiltà fiżika.

(e) L-aċċessibbiltà f'termini ta' servizzi bankarji bit-telefown u bil-kompjuter għandha tkun ukoll parti millvalutazzjoni, jekk dawn il-metodi jintużaw effettivament fid-dar.

(f) Is-servizzi pprovduti d-dar għandhom jiġu kkunsidrati wkoll, jekk dawn jintużaw effettivament fid-dar. L-aċċessibbiltà għalhekk għandha tiġi evalwata irrispettivament mill-mod(i) li bih(om) il-membri fid-dar jużaw isservizz.

(g) L-aċċessibilità għandha tiġi kkunsidrata fil-livell tal-familja, id-diffikultà għall-aċċess għandha tiġi evalwata għall-familja kollha kemm hi. Jekk min iwieġeb ma jużax servizz iżda membru/i ieħor/oħra fid-dar jużawh, huwa għandu jivvaluta l-aċċessibbiltà skont dan/dawn il-membru/membri l-oħrajn fid-dar.

(h) Jekk membru wieħed tal-familja għandu diżabilità, iżda xi membru ieħor jista' jkollu aċċess faċilment għasservizz f'ismu/f'isimha u l-aċċess għas-servizz ma jikkawża l-ebda problema għall-familja fis-sens li dan ma jirrappreżenta l-ebda piż għall-familja, allura s-servizz għandu jkun meqjus bħala aċċessibbli faċilment millfamilja

(i) Min-naħa l-oħra, jekk xi membru tal-familja għandu diżabilità u ftit li xejn jista' jkollu aċċess għas-servizz (li hu jeħtieġ bħala individwu) u l-familja ma għandhiex riżorsi disponibbli biex tipprovdilu appoġġ (eż. jekk l-ebda membru ieħor ma jista' jkollu aċċess faċli għas-servizz f'ismu/f'isimha), jew verament jirrappreżenta piż għall-familja, f'dan il-każ l-aċċess għas-servizz ikun ikkunsidrat bħala diffiċli għall-familja.

(j) Servizzi ta' prodotti tal-merċa "grocery services": servizzi li jistgħu jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet ta' kuljum.

(k) Servizzi bankarji: ġbid ta' flus, trasferiment ta' flus u ħlas ta' kontijiet.

(l) Servizzi postali servizzi li bihom wieħed jista' jibgħat u jirċievi pakketti u posta normali.

(m) Trasport pubbliku: xarabank, metro, tramm u trasport simili.

(n) Servizzi ta' kura primarja tas-saħħa: tabib ġenerali, ċentru tas-saħħa primarja jew ħwejjeġ simili.

(o) Skejjel obbligatorji: jekk aktar minn tifel wieħed fil-familja jattendi l-iskola obbligatorja min iwieġeb għandu jirreferi għall-iktar wieħed li għandu diffikultà.

5. **Trażmissjoni tad-dejta**

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira għandhom jintbagħtu lill-Eurostat fil-fajl tad-Dejta tad-Dar (fajl-H) u fil-Fajl ta' Dejta Personali (fajl-P) wara l-fatturi varjabbli primarji fil-mira.

OQSMA U LISTA TA' FATTURI VARJABBLI FIL-MIRA

	Modulu 2012	Il-kundizzjonijiet tad-djar
Isem il-varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
1. ĦWEJJEĠ MITLUBA F'LIVELL TA' FAMILJA		
Spazju ta' għixien		
HC010		*Nuqqas ta' spazju fl-abitazzjoni*
	1	Iva
	2	Le
HC010_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
HC020		*Id-daqs tal-abitazzjoni f'metri kwadri*
		0-999 metri kwadri
HC020_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
Installazzjonijiet u faċilitajiet tal-abitazzjoni		
HC030		*Installazzjonijiet elettriċi adegwati*
	1	Iva
	2	Le
HC030_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (ma hemmx installazzjonijiet elettriċi)
HC040		*Installazzjonijiet/xogħol tal-pajpijiet tal-ilma adegwati*
	1	Iva
	2	Le
HC040_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (ma hemmx installazzjonijiet/xogħol tal-pajpijiet tal-ilma adegwati)

	Modulu 2012	Il-kundizzjonijiet tad-djar
Isem il-varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HC050		*Abitazzjoni mgħammra b'faċilitajiet ta' tisħin*
	1	Iva - sistema li ssaħħan id-dar jew ħwejjeġ simili:
	2	Iva - Sistema oħra tat-tisħin li tkun fissa
	3	Iva - Sistema oħra tat-tisħin li ma tkunx fissa
	4	Le – ma hemm l-ebda sistema ta' tisħin
HC050_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
HC060		*Abitazzjoni komda u sħuna matul ix-xitwa*
	1	Iva
	2	Le
HC060_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
HC070		*Abitazzjoni komda u friska matul is-sajf*
	1	Iva
	2	Le
HC070_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
Sodisfazzjon ġenerali bl-abitazzjoni		
HC080		*Sodisfazzjon ġenerali bl-abitazzjoni*
	1	Mhux sodisfatt assolutament
	2	Mhux sodisfatt
	3	Sodisfatt
	4	Sodisfatt ħafna
HC080_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
Aċċessibbiltà għall-ħtiġijiet bażiċi		
HC090		*Aċċessibbiltà għas-servizzi tal-merċa*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċilment
	4	Faċilment ħafna

	Modulu 2012	Il-kundizzjonijiet tad-djar
Isem il-varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HC090_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati mill-familja)
HC100		*Aċċessibbiltà għas-servizzi bankarji*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċilment
	4	Faċilment ħafna
HC100_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati min-nies li jgħixu fid-dar)
HC110		*Aċċessibiltà għas-servizzi tal-posta*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċilment
	4	Faċilment ħafna
HC110_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati min-nies li jgħixu fid-dar)
HC120		*Aċċessibilità għat-trasport pubbliku*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċilment
	4	Faċilment ħafna
HC120_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati min-nies li jgħixu fid-dar)
HC130		*Aċċessibiltà għas-servizzi ta' kura primarja tas-saħħa*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċilment
	4	Faċilment ħafna

	Modulu 2012	Il-kundizzjonijiet tad-djar
Isem il-varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HC130_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati min-nies li jgħixu fid-dar)
HC140		*Aċċessibiltà għall-iskola obbligatorja*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċilment
	4	Faċilment ħafna
HC140_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati min-nies li jgħixu fid-dar)
Riskju ta' tibdil tal-abitazzjoni		
HC150		*Riskju immedjat ta' tibdil tal-abitazzjoni*
	1	Iva – il-familja se tiġi mġiegħla tħalli l-abitazzjoni
	2	Iva – il-familja għandha l-ħsieb li tħalli l-abitazzjoni
	3	Le – il-familja ma għandhiex ħsieb tħalli l-abitazzjoni
HC150_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
HC160		*Raġuni ewlenija għaliex hemm l-istennija li jiġu mġiegħlin iħallu l-abitazzjoni*
	1	Il-familja se tiġi mġiegħla titlaq, peress li ngħata/se jingħata avviż mill-proprjetarju mat-terminazzjoni tal-kuntratt
	2	Il-familja se tiġi mġiegħla titlaq, billi ngħata/se jingħata avviż mill-proprjetarju fin-nuqqas ta' kuntratt formali
	3	Il-membri fid-dar se jiġu mġiegħla jitilqu minħabba żgumbrament
	4	Il-familja se tiġi mġiegħla titlaq minħabba diffikultajiet finanzjarji
	5	Il-familja se tiġi mġiegħla titlaq minħabba raġunijiet oħra
HC160_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (HC150 = 2 jew 3)

	Modulu 2012	Il-kundizzjonijiet tad-djar
Isem il-varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
2. ĦWEJJEĠ MITLUBA FUQ LIVELL INDIVIDWALI		
Bidla tal-abitazzjoni		
PC170		*Bidla tal-abitazzjoni*
	1	Iva
	2	Le
PC170_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-3	Mhux magħżula persuna li twieġeb
PC180		*Raġuni prinċipali għall-bidla tal-abitazzjoni*
	1	Raġunijiet relatati mal-familja
	2	Raġunijiet relatati mal-impjieg
	3	Raġunijiet relatati mal-edukazzjoni
	4	Żgumbrament
	5	Is-sid tad-dar ma ġeddidx il-kuntratt
	6	Xewqa għal tibdil fil-livell ta' għixien
	7	Raġunijiet relatati mal-abitazzjoni
	8	Raġunijiet relatati mal-kwartier
	9	Raġunijiet finanzjarji
	10	Raġunijiet oħra
PC180_F	*1*	Mimlija
	-1	Nieqsa
	-2	Mhux applikabbli (PC170 = 2)
	-3	Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb